**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-27 ta Frar 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud – ir-Repubblika Ċeka) – AURES Holdings a.s. vs Odvolací finanční ředitelství**

**(Kawża C-405/18)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Leġiżlazzjoni fiskali – Taxxa fuq il-kumpanniji – Trasferiment tas-sede ta' ġestjoni effettiva ta' kumpannija fi Stat Membru li ma huwiex dak tal-kostituzzjoni tagħha – Trasferiment ta' residenza fiskali lejn dan l-Istat Membru l-ieħor – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jiġi invokat it-telf ta' taxxa mġarrab fl-Istat Membru ta' kostituzzjoni qabel it-trasferiment tas-sede)***

(2020/C 137/14)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* AURES Holdings a.s.

*Konvenut:* Odvolací finanční ředitelství

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpannija kkostitwita skont id-dritt ta' Stat Membru, li tittrasferixxi s-sede ta' ġestjoni effettiva tagħha lejn Stat Membru ieħor mingħajr ma dan it-trasferiment jaffettwa l-kwalità tagħha bħala kumpannija kkostitwita skont id-dritt tal-ewwel Stat Membru, tista' tibbaża ruħha fuq dan l-artikolu sabiex tikkontesta r-rifjut, fl-Istat Membru l-ieħor, tar-riport tat-telf preċedenti għall-imsemmi trasferiment.

2) L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li teskludi l-possibbiltà għal kumpannija, li ttrasferixxiet is-sede ta' ġestjoni effettiva tagħha u, b'dan il-mod, ir-residenza fiskali tagħha f'dan l-Istat Membru, li tinvoka telf ta' taxxa mġarrab, qabel dan it-trasferiment, fi Stat Membru ieħor, li fih hija żżomm l-uffiċċju rreġistrat tagħha.

[1] ĠU C 301, 27.8.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-26 ta' Frar 2020 – Is-Servizz ewropew għall-azzjoni esterna vs Ruben Alba Aguilera *et***

**(Kawża C-427/18 P)** [1]

***(Appell – Servizz pubbliku – Uffiċjali u membri tal-persunal – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) – Remunerazzjonijiet – Regolamenti tal-Persunal – Artikolu 110 – Persunal tal-Unjoni Ewropea li jservu f'pajjiż terz – Anness X – It-tielet paragrafu tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 10 – Kumpens għall-kundizzjonijiet tal-ħajja – Evalwazzjoni u reviżjoni annwali – Tnaqqis għall-persunal li jservu f'Etjopja – Ħtieġa li jiġu adottati minn qabel dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni – Portata)***

(2020/C 137/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Is-Servizz ewropew għall-azzjoni esterna (EEAS) (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spac, aġenti, M. Troncoso Ferrer u S. Moya Izquierdo, abogados, F.-M. Hislaire, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Ruben Alba Aguilera, Simone Barenghi, Massimo Bonannini, Antonio Capone, Stéphanie Carette, Alejo Carrasco Garcia, Francisco Carreras Sequeros, Carl Daspect, Nathalie Devos, Jean-Baptiste Fauvel, Paula Cristina Fernandes, Stephan Fox, Birgitte Hagelund, Chantal Hebberecht, Karin Kaup-Laponin, Terhi Lehtinen, Sandrine Marot, David Mogollon, Clara Molera Gui, Daniele Morbin, Charlotte Onraet, Augusto Piccagli, Gary Quince, Pierre-Luc Vanhaeverbeke, Tamara Vleminckx, Birgit Vleugels, Robert Wade, Luca Zampetti (rappreżentanti: T. Martin u S. Orlandi, avukati)

**Dispożittiv**

1) Il-punti 1 u 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' April 2018, Alba Aguilera et vs SEAE (T-119/17, EU:T:2018:183) huma annullati.

2) Il-kawża ntbagħtet lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

([1]) ĠU C 341, 24.9.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-31 ta' Jannar 2020 – Ir-Repubblika tas-Slovenja vs Ir-Repubblika tal-Kroazja**

**(Kawża C-457/18)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 259 TFUE – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Determinazzjoni tal-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri – Tilwima dwar il-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja – Ftehim ta' arbitraġġ – Proċedura ta' arbitraġġ – Notifika mir-Repubblika tal-Kroazja tad-deċiżjoni tagħha li ttemm il-Ftehim ta' Arbitraġġ minħabba irregolarità li hija ssostni twettqet minn membru tat-Tribunal tal-Arbitraġġ – Deċiżjoni arbitrali mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ – Allegat nuqqas ta' osservanza mir-Repubblika tal-Kroazja tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u tal-fruntiera ddeterminata permezz tad-deċiżjoni arbitrali – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali – Talba għall-irtirar ta' dokument mill-proċess – Protezzjoni tal-pariri legali)***

(2020/C 137/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Kroat*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentanti: M. Menard, aġent, J.-M. Thouvenin, avukat)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Kroazja (rappreżentanti: G. Vidović Mesarek, aġent, assistit minn J. Stratford, QC)

**Dispożittiv**

1) Id-dokument ta' ħidma intern tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-parir tas-servizz legali tagħha, li jinsab fil-paġni 38 sa 45 tal-Anness C.2 tar-risposta tar-Repubblika tas-Slovenja għall-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, huwa rtirat mill-proċess tal-Kawża C-457/18.

2) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors tar-Repubblika tas-Slovenja, ippreżentat fuq il-bażi tal-Artikolu 259 TFUE, fil-Kawża C-457/18.

3) Ir-Repubblika tas-Slovenja hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 399, 5.11.2018